**172. L-Onor. Karol Aquilina jipproponi:**

Peress li fis-Seduta 139 ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru 2018 ingħata *ruling* minn Mr Speaker li fih iddeċieda li ma jaċċettax żewġ interpellanzi mressqa mill-Onor. Karol Aquilina, liema żewġ interpellanzi kienu lill-Prim Ministru u kienu jaqraw hekk:

1. Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja sħiħa u mhux ċensurata tal-proċess verbali tal-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant Inc. li tħejja mill-Maġistrat Inkwirenti Aaron M. Bugeja u li kopja tagħha ngħatat lill-Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali?

2. Jista' l-Prim Ministru jgħid l-isem, il-kunjom u l-kariga u/jew professjoni tal-persuni kollha li għandhom aċċess għall-proċess verbal tal-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant Inc. li tħejja mill-Maġistrat Inkwirenti Aaron M. Bugeja u li kopja tagħha ngħatat lill-Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali?;

Peress li fl-imsemmi *ruling* Mr Speaker stqarr li huwa "tal-fehma li l-materja li dwarhom kienet tittratta l-mistoqsija ma kenitx tikkwalifika bħala xogħol pubbliku jew xogħol tal-Kamra li l-Prim Ministru kien responsabbli għalih, u dan għaliex is-Sedja ħasset li l-involviment tal-Prim Ministru fil-materja kien wieħed personali u bi dritt bħala ċittadin privat li għandu interess dirett" u li għalhekk skont Mr Speaker l-interpellanzi mhumiex konformi mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u għalhekk ma jistgħux isiru;

Peress li ma jeżisti l-ebda dubju li l-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant taqa' fid-definizzjoni ta' ħwejjeġ pubbliċi u li din l-inkjesta ġiet mitluba mill-Prim Ministru nnifsu u li kopja tal-proċess verbal sħiħ ingħatat lill-istess Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali minħabba li l-pożizzjoni Kostituzzjonali tiegħu ta' Prim Ministru, li fi kliem l-Avukat Ġenerali stess hija "l-ogħla kariga eżekuttiva tal-pajjiż";

Peress li fir-*ruling* tiegħu Mr Speaker tenna li s-Sedja hija marbuta bl-istess Ordnijiet Permanenti li tara liema huma dawk l-interpellanzi li jistgħu jiġu meqjusa bħala aċċettabbli u għaldaqstant ma tistax tabdika minn dan id-dover;

Peress li mhux kontestat li Mr Speaker għandu prerogattiva li jilqa' jew ma jilqax interpellanzi li jsiru, iżda hu ovvju, jew għall-anqas għandu jkun ovvju f'Parlament ta' pajjiż li jistħoqqlu jissejjaħ demokratiku, li dik il-prerogattiva m'għandhiex tkun abbużata, jew użata b'mod abbużiv, jew b'mod li xxekkel l-iskrutinju parlamentari dwar il-Prim Ministru;

Peress li s-Sedja għandha obbligu li tippromwovi d-dibattitu demokratiku, inkluż l-iskrutinju parlamentari bl-għodda tal-interpellanzi li tintuża favur it-tfittxija tal-verità u biex iżżomm lill-Prim Ministru u lill-Ministri taħt l-iskrutinju Parlamentari u kontabbli ta' għemilhom;

Peress li l-proponent ta' din il-Mozzjoni jemmen li l-eżerċizzju tas-setgħat tas-Sedja għandhom ikunu applikati favur l-eżerċizzju tal-funzjoni parlamentari tal-Membru Parlamentari, u mhux kontra tali eżerċizzju u dan anki għaliex il-Kostituzzjoni tagħmilha ċara li r-Repubblika ta' Malta hija repubblika demokratika u mhux xi stat awtokratiku;

U peress li l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni

li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*ruling* tal-iSpeaker li ngħata fis-Seduta 139 ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru 2018 dwar żewġ interpellanzi mressqa mill-Onor. Karol Aquilina sabiex jiġu mwieġba mill-Prim Ministru għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

4 ta' Ottubru 2018